# In-Narrattiva: Xejriet Ewlenin tal-Protagonista

*Carmel Azzopardi*

Għalkemm ir-relazzjoni bejn il-wieħed u l-ħafna hi, biex ngħidu hekk, element bażiku tal-biċċa l-kbira tar-rakkonti, din se tilbes ilbies differenti skond l-għamla tar-rumanz. Kultant se tieħu xejriet opposti għal kollox: f'dan is-sens hemm kuntrast kbir bejn ir-rumanz modern miktub mit-tieni nofs tas-seklu għoxrin 'il quddiem u l-forom l-oħra li ġew qabel. Element essenzjali f'dawn ta' l-aħħar kien ir-rabta mal-ġrajjiet nazzjonali; fihom il-konflitt ewlieni, bejn iċ-ċittadin u l-barrani, in-nazzjon u l-għedewwa tan-nazzjon, inħall f'kuntrast bejn klassi u oħra, is-sinjur u l-fqir, il-privileġġjat li jimponi u l-miskin li jsofri. Il-letteratura tar-rumanz storiku hi letteratura li tħares lejn il-poplu kollu u fiha l-kotra titqies bħala xempju ta' qlubija u mġiba sublimi; hi letteratura li tolqot aktar id-dinja ta' barra. Huma l-oġġetti li jimlew l-ispazju tar-rakkont; il-karattri sikwit għandhom sehem sekondarju fil-ġrajja li tidher. Din tieħu post prominenti u ttaħħat il-ġrajja ġewwiena tal-karattri individwali li aktar jaġixxu milli jaħsbu u li huma meqjusin mhux bħala bnedmin, parti mill-ħolqien li għandha l-fakultà li taħseb, imma aktar bħala strumenti servili tal-ġrajja nnifisha. Hawn ir-rumanzier iwarrab il-kuxjenza ġewwiena tal-karattri li jitqiesu aktar bħala ċittadini ta' nazzjon milli bħala rappreżentanti tan-nisel uman – aktar fid-dimensjoni ta' nazzjonaliżmu milli fid-dimensjoni ta' umaniżmu.

Ir-rumanz modern juri stampa differenti. Hawn in-nazzjonaliżmu hu meqjus bħala mit inutli u jitwarrab. Waqt li għar-romantiċi l-patrija kienet lehma ta' tifħir, għar-rumanziera moderni hi oġġett ta' kritika mnebbħa minn tagħqida ta' mibegħda u mħabba. Il-mottiv ċentrali ma jibqax aktar il-bniedem ċittadin imma l-bniedem li jaħseb, u l-protagonist isir bniedem wieħed komuni, wieħed mill-folla, jew aħjar moħħ ta' bniedem normali li hu mtaqqal bil-kriżijiet tal-ħajja. Waqt li l-antagonist tal-karattru storiku jinsab 'il barra mill-art fejn dan il-karattru jgħix, art li mhix Maltija, l-antagonist tal-karattru modern jinsab 'il barra mill-karattru nnifsu – fost in-nies li jgħix magħhom.

X'kien li wassal għal din l-evoluzzjoni fir-rumanz Malti? Kull letteratura tirrifletti s-soċjetà u dan jgħodd kemm għar-rumanziera storiċi kif ukoll għar-rumanziera moderni. Kien hemm ċirkustanzi li ġiegħlu 'l-kittieba jiktbu bil-mod li kitbu f'kull każ. Malta ta' qabel l-1964 kienet Malta li għadha tfittex il-ħelsien mill-ħakma barranija (għallinqas fil-livell governattiv) u għalhekk il-mit tal-patrijottiżmu

kien għad hemm postu. L-istess il-mit reliġjuż. Il-Knisja kienet l-element bażiku li ta omoġenjità lir-raħal Malti u din l-omoġenjità kienet imbagħad riflessa fil-letteratura li żżewqet b'taħlita ta' sentimenti reliġjużi u patrijottiċi. Kien hemm żwieġ bejn patrijottiżmu u twemmin.

Fis-snin sittin dan l-istatus quo beda jiċċaqlaq. Bil-kwistjoni politiko-reliġjuża s-sehem ewleni tal-knisja ġie mhedded u s-solidità ta' l-istrutturi soċjali u reliġjużi xxellfet. Fl-istess żmien seħħu r-rivoluzzjonijiet li heżżu l-universitajiet u l-istrutturi soċjali kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerka, u r-rumanziera moderni flimkien mal-poeti rivoluzzjonarji (l-aktar dawk fi ħdan il-Moviment Qawmien Letterarju) fittxu jwaqqgħu l-mit tal-qawma storika, tema ewlenija tar-romantiċi, u kkritikaw bla heda l-wirt reliġjuż, politiku u soċjali, u fl-istess ħin għaddew minn għarbiel il-letteratura kollha li nkitbet qabilhom. Il-kisba ta' l-indipendenza fl-1964 kompliet tħeġġeġ dan il-moviment. Minn naħa ġabet spirtu ta' libertà fost il-kittieba, minn naħa oħra berrdet il-mit tal-patrija; l-indipendenza dehret bħala t-tmiem ta' tiġrija twila għal realizzazzjoni nazzjonali. Il-bruda fin-nazzjonaliżmu tat lok għall-kosmopolitiżmu; il-kittieb Malti warrab in-nazzjon u beda jħares lejn l-univers, lejn il-bniedem.

Wara l-indipendenza s-sodda kompliet tinfirex bi tħejjija għar-rivoluzzjoni letterarja li dehret inevitabbli. Innovazzjonijiet bħat-televiżjoni, l-ewwel night clubs, iċ-ċinema (li issa sar aktar liberali) u żviluppi industrijali, l-aktar fit-turiżmu, qarrbu lill-gżira lejn id-dinja ċivilizzata u lejn l-emanċipazzjoni. Barra minn dan, kien hemm gvern li l-iskop ewlieni tiegħu kien laħqu bil-kisba ta' l-indipendenza. It-telqa u n-nuqqas ta' ħeġġa saru donnhom is-simboli ta' l-apatija u l-indifferenza li kkaratterizzaw il-gżira matul is-snin.

F'dan il-kuntest ir-rivoluzzjoni letterarja ma tidhirx barra minn lokha, imma tidher aktar bħala proċess naturali, żvilupp li kellu jsir. Il-miti tal-patrija u tat-twemmin se jitwarrbu; ir-reliġjon se tingħata dimensjoni ġdida u l-wieħed se jieħu post il-folla.

B'kuntrast mal-letteratura ta' qabel, fir-rumanz modern isir divorzju bejn il-wieħed u l-ħafna; fih ma joħroġx biss l-iżolament tal-protagonista, imma wkoll l-antagoniżmu bejn iż-żewġ partijiet – bejn l-individwu u l-folla. Mill-eroj nazzjonali tar-rumanz storiku, (bħal ngħidu aħna Ġużeppi ta' *Ineż Farruġ* – l-idealist kwiet li jħoss u jsofri bla ma jwettaq ħafna) ngħaddu għall-eroj dinamiku (bħal Alessandru ta' *Taħt Tliet Saltniet* li, mhux biss jemmen fir-rebħa, imma jaħdem biex din isseħħ); għall-eroj tar-rumanz tal-biża', eroj imwerwer u mhedded mill-ħażin u mill-ingust (Marija ta' *Vendetta ta' Baruni*); għall-eroj soċjali (bħal Leli f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*) li jiġġieled għal ġustizzja u jieħu sehem fi ġlieda ta' klassi kontra klassi; għall-anti eroj modern, eroj imdaħħal fih innifsu; eroj li jinfatam mis-soċjetà u jinsab f'konflitt mal-kotra aljenata u indifferenti. Naraw il-mixja tar-rumanz minn rakkont storiku, soċjali, politiku u

nazzjonalist għal rakkont psikoloġiku, analitiku u oġġettiv – mill-eroj romantiku għall-anti-eroj eżistenzjali.

L-anti-eroj modern hu wild l-istess kotra u, għalkemm l-antagonist tagħha, hu nnifsu l-personifikazzjoni tal-kwalitajiet sublimi tagħha. Ir-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ naħat se tkun relazzjoni ta' mibegħda-imħabba, l-istess bħal dik ta' iben lejn omm li titbiegħed f'imġibitha mill-ideali sublimi tiegħu.

L-ewwel pass fit-triq lejn l-antagoniżmu reċiproku se jagħmlu l-anti-eroj modern li mhuwiex kuntent bid-dehra ta' l-umanità u magħha wkoll biċ-ċittadin Malti. Hu eroj ribell, rivoluzzjonarju li jeħodha qatta bla ħabel kontra kull istituzzjoni u kull ħaġa li b'xi mod jew ieħor apparteniet lil Malta ta' l-imgħoddi. Jipprova jkisser il-qafas magħluq u protett ta' gżira tradizzjonali; f'imġibtu nsibu mixja bil-mod lejn it-tifrik, il-ħruġ mill-fosdqa, l-emanċipazzjoni ta' moħħ imxekkel bl-għanqbut ta' l-imgħoddi kif jistqarr Pawlu, ir-rivoluzzjonarju ta' Lino Spiteri: "M'għandniex inħallu l-għanqbut ta' l-imgħoddi jirrenja."[1] L-anti-eroj modern jitkellem ċar u bla tlaqliq waqt li jesponi n-nuqqasijiet u jressaq l-ideal ta' bidla mibnija fuq imġiba retta mingħajr l-abbuż, l-ipokresija u l-artifiċjalità ta' soċjetà dominata mir-reliġjon. Jikkritika l-Kattoliċiżmu konservattiv li hu ħtija ta' bosta mill-għeluq tal-gżira tradizzjonali fejn l-ambjent hu mtaqqal bil-preżenza ta' "Alla" li hu alla distanti minn Alla li fih jemmen il-protagonista. Il-kliem aħrax li bih Xandru l-poeta (ir-ribell attiv fiżikament parallel għal Samwel is-Samuraj, ir-ribell introvers) jattakka lill-kappillan jesprimi l-qofol ta' din il-kritika:

> "ili ġranet sħaħ naħseb fuq il-ħajja ta' l-umanità u wasalt fil-konklużjoni ċertissima li tagħkom hija biss it-triq ta' l-aljenazzjoni, aljenazzjoni li ma twassal għal imkien ... jekk tħalluh waħdu l-bniedem għandu mnejn isalva, jew għallinqas isib il-poeżija f'ħajtu, imqar fl-eqqel dagħbien ta' l-imrar u n-niket isib xaqq dawl, kewkba tiddi fil-bogħod u mid-dwejjaq tiegħu irampel l-eliżir ta' l-eżistenza. Imma intom ma tħalluhx. Tgħabbuh b'kuxjenza tinten bil-ħtija u trażżnuh bil-frosta ta' lsienkom ħa jimxi fiċ-ċpar lejn tarf imwiegħed fil-mitoloġija li ħloqtu b'sengħa kbira imma li fil-verità, fir-realtà m'hu xejn ħlief mit, mit li la għandu siwi u l-anqas poeżija!"[2]

Il-protagonista jaħdem favur il-fidwa spiritwali ta' Malta li sseħħ biss meta tiġi miċħuda l-kultura finta, falza u artifiċjali li għożżu l-kittieba ta' qablu.

Ir-rivoluzzjoni ta' l-anti-eroj modern tista' tinġabar mhux biss fi ġlieda kontra l-kondizzjonament medjokri (kondizzjonament li jinfluwenza lill-individwu b'mod negattiv), imma wkoll f'tilwima mal-kondizzjonament *per se*. L-individwu l-ġdid

ifittex il-libertà tal-ħsieb u jisħaq fuq il-fakultà li jaġixxi skond kif jidhirlu hu. Xi drabi jibża' mill-istess ħbieb tiegħu; Karlu Manju, il-protagonista ħassieb ta' *Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*, jistqarr li "anqas ħsibijietu ma kienu proprjetà ċerta tiegħu; xi drabi kienu l-ħakkiema ta' moħħu, moħħu li kellu l-ardir jaħseb għalih, jimponilu x'jaħseb."[3]

Il-kotra ma taċċettax lill-eroj ribell u troddlu lura l-ostilità kollha li hu juri lejha. Hi soċjetà konformista u tikkundanna lil kull min b'xi mod jikser ir-regoli li timponi hi. Kull forma ta' sess illeċitu hi kkundannata; Fredu Gambin, il-protagonista ta' *Il-Gaġġa*, jiġi mġiegħel jitlaq lil Roża, u waħda mir-raġunijiet li ġabulu l-ġenituri kienet li zijuha kien spiċċa Strada Stretta jagħmel kulma jiġi għal idejh[4]; Petriġa ta' *L-Għar tax-Xitan* l-ewwel issofri stupru minn xi rġiel li nqdew biċ-ċelebrazzjoni li kellha għeruq reliġjużi, imbagħad, wara li toħroġ tqila, tisfa ppersegwitata kważi għall-mewt għax is-soċjetà qisitha bħala xebba li żbaljat; Robbie, il-protagonista ta' *Taħt il-Weraq tal-Palm*, jisfa mbuttat sas-suwiċidju mill-kundanna qawwija tas-soċjetà li fl-aħħar kixfet il-ħajja doppja tiegħu, ħajja ta' raġel miżżewweġ li jibdel lil martu; f'*Il-Gidba* Natan, raġel miżżewweġ, u Rebekka, xebba, jiġu kkundannati talli ħabbew lil xulxin u kienu qed igħixu flimkien, u s-soċjetà konformista mmexxija miż-żewġ kappillani tibqa' sa ma ġġagħalhom jiġu lura għan-normalità; f'*Samuraj* Samwel u Żabbett, żewġ ħlejjaq li jifdu lilhom infushom meta jinħabbu imma li jiksru l-liġi tas-soċjetà meta jibdew jgħixu flimkien bla ma kienu miżżewġin, jgħaddu mill-istess xorti; Peter ta' *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, karattru emanċipat li emigra lejn Londra, jiġġenneb minħabba suspetti ta' mġiba omosesswali; f'*L-Istramb* Baruk jiġi mhedded li jitkeċċa mis-seminarju wara mġiba simili. Kull nuqqas se jiġi interpretat bħala timbru ikreh, għelm tal-ħtija ta' l-individwu. Nuqqas komuni u li jagħti fil-għajn tal-kotra hu dak ta' l-infertilità. Natan ta' *Il-Gidba*, il-konti Gasparin Sant ta' *Is-Sejħa ta' l-Art* u Kieli ta' *Dal-Lejl Ġie Alla* lkoll isofru minħabba dan in-nuqqas. Is-sofferenza tal-protagonista tikber u taċċentwa ruħha bl-imġiba kattiva tan-nies li ħsiebha f'ħaddieħor. Dan jidher l-aktar fil-każ ta' Kieli li jkompli jsofri meta, wara li jegħleb l-ewwel nuqqas, ibnu jitwieled b'xoffa waħda, u jibqa' sa ma jasal għas-suwiċidju. Difett ieħor, din id-darba mhux wieħed fiżiku, hu meta wieħed jerġa' jibdielu u ma jkomplix fit-triq tas-saċerdozju. Il-kotra tqis lil żagħżugħ li jġib ruħu b'dan il-mod bħala miskin li jkun "tilef" il-vokazzjoni u, daqs kemm tgħollih u ġġibu sakemm għadu fit-triq it-"tajba", daqshekk ieħor issabbtu u tkissru meta ma jkomplix. Fir-rumanz modern insibu żewġ protagonisti żgħażagħ, Baruk ta' *L-Istramb* u Raymond ta' *Taħt il-Weraq tal-Palm*, li t-tnejn jgħaddu minn din l-esperjenza trawmatika, esperjenza li tagħfas fuqhom u tagħti tagħwiġa kerha lil ħajjithom. Kull devjazzjoni mit-tagħlim tal-Knisja hi dnub kbir, u kull idea politika li ma taqbilx mat-tagħlim uffiċjali se ssib kundanna korali. Dun Benjamin, il-qassis emanċipat ħabib ta' Karlu Manju[5], jitwarrab u jibqa' meqjus bħala qassis tat-tielet jew tar-raba' klassi għax ikkritika l-aġir u t-tagħlim tal-Knisja li, skond hu, ma kinux jaqblu ma' l-ispirtu tal-Vanġelu. Kemm fir-rumanz *Il-Gaġġa*, kif ukoll f'*Rivoluzzjoni Do Minore* toħroġ il-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn l-M.L.P. u

l-Knisja u, l-aktar fit-tieni rumanz, tiġi enfasizzata l-imġiba tal-Knisja li wżat il-poteri tagħha kollha biex tikkundanna ideat li ma taqbilx magħhom.

Id-distakk bejn il-wieħed u l-kotra hu reċiproku – il-protagonista hu minnu nnifsu karattru introvers u jfittex is-solitudni; jistqarr Karlu Manju: "Waħdi, waħdi, kollox ma' kollox jien qiegħed ngħix waħdi."[6] Samwel is-Samuraj kien fommu sieket, "kliem ma' ħadd" [7]; Baruk l-istramb kien "tifel maqtugħ għalih waħdu" [8]; Kieli, l-ewwel protagonista ta' *Dal-Lejl Ġie Alla*, "ngħalaq fih innifsu" [9] u ibnu Marju jistqarr li "hu kien waħdu saħansitra miegħu nnifsu. Jistħi, jibża' minnu nnifsu." [10] Il-protagonista jaħrab il-kotra li, min-naħa tagħha, twarrbu. Hu eżiljat f'pajjiżu, "l-eżiljat li ma jsifirx" [11] u bosta drabi l-iżolament hu wkoll fiżiku. Mn-naħa tiegħu hu ma jaqbilx mal-kotra għax hi medjokri u marida bil-marda kronika ta' l-għeluq, marbut ħafna mal-problema ta' l-insularità. Imma fuq kollox jikkundannaha għax il-marda ta' l-għeruq hi aktar spiritwali u psikoloġika milli spazjali. Is-soċjetà, jew ma tafx li hi marida għax aljenata, jew inkella taf imma hi indifferenti għall-marda tagħha. Hu ambjent imtaqqal bi staticità: "Jum wara jum, l-istess uċuh, l-istess rutina li ma tinbidel qatt, miexi dejjem f'ħofra waħda, jum wara jum." [12] Hu pajjiż fejn "jgħaddi ż-żmien u xejn ma jinbidel"[13], "xiber art li jisteddinna nagħmlu xi ħaġa għax hawn qatt ma jiġri xejn" [14], pajjiż fejn "l-ilma qiegħed, l-istaġnar, il-biża' minn kull għamla ta' bidla, l-apatija huma minnhom infushom biċċa mill-ambjent imniġġes fejn ir-riforma tidher blata kbira li m'hemmx li titħarrek." [15] Hu ambjent fejn il-passività tiddomina u fih il-poplu, aktar milli jagħmel hu, iħalli lil min jagħmel għalih. Samwel is-Samuraj jisħaq fuq din il-passività meta jikkummenta fuq iż-żmien tat-tfulija: "Biż-żmien tgħallem li mhux "beda" jrid jgħid, imma "nbeda", jew aħjar "inbdielu", jew "bdewlu", jew "sabu mibdi" bla ma jaf x'inhu sewwasew." [16]

Din il-marda tal-kotra hi riżultat ta' ruħ li ma taħsibx. U f'dan is-sens jispikka l-kuntrast mal-protagonista, kuntrast li ma jibqax biss fuq livell fiżiku imma jsir fuq livell psikoloġiku u spiritwali. Il-protagonista jaħseb, ħaġa li l-folla ma tagħmilhiex. Il-konfront huwa bejn il-kotra statika u passiva, nieqsa minn kull attività mentali u l-anti-eroj li hu attiv mentalment u ħerqan għall-bidla; bejn it-trankwillità hienja ta' ruħ il-folla u t-taqlib imnikket ta' ruħ il-protagonista. Xi drabi jidher attiv fiżikament u mġibtu hi pjuttost rivoluzzjonarja: Karlu Manju jasal biex jagħmel 'corner meeting' u anke jisfida lill-parlamentari korrotti[17]; Pawlu u Salvu ta' *Rivoluzzjoni Do Minore* jiddedikaw ħajjithom biex isseħħ ir-rivoluzzjoni li jixtiequ huma; Xandru l-poeta jattakka b'mod aħrax u kważi vjolenti l-istituzzjoni li saħqet lil sieħbu Samwel.[18] Imma fis-sew, din l-imġiba hi superfiċjali għax l-istess protagonista jaf li fejqan għall-marda m'hemmx sakemm hemm l-aljenazzjoni u l-indifferenza. U hawn il-konfront jevolvi minn wieħed estern għal wieħed intern, minn wieħed bejn il-wieħed u l-ħafna għal wieħed ġo moħħ il-wieħed stess. Ir-rumanzier modern, b'kuntrast mal-kittieba ta' qablu, iħares 'il ġewwa u mhux 'il barra; għalih l-essenzjali hu l-moħħ bil-kriżijiet

tiegħu. Minn rakkont oġġettiv ta' ġrajja li sseħħ fil-miftuħ ngħaddu għal djarju intimu ta' individwu li josserva u jifli u b'moħħu jara ħafna fejn il-bqija ma jaraw xejn, jew kważi xejn. Hi rebelljoni intima li sseħħ fil-moħħ tal-protagonista, ir-ruħ solitarja li taħseb u tħoss bla ma tista' tikkomunika mal-kotra aljenata u indifferenti.

F'dan is-sens jinftiehem aħjar l-użu tal-monologu. Il-protagonista jitkellem waħdu: Karlu Manju (*Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*), Natan (*Il-Gidba*), Kieli, Marju u Silvio (*Dal-Lejl Ġie Alla*) kollha jitkellmu weħidhom, il-biċċa l-kbira waqt passiġġati twal li jħobbu jagħmlu – Silvio ta' spiss iterraq bejn Selmun, Birkirkara, Ħal-Qormi u l-Belt u għal ħinijiet twal ma jagħmel xejn ħlief jesponi ħsibijietu. Il-protagonista ġieli jitkellem ma' xi annimal li qatt ma jmeri jew iwieġeb lura. Dan m'hu xejn ħlief monologu; Karlu Manju jitkellem ma' Ċerbru, Natan ma' Fefu u Samwel ma' Xuxana. Ġieli wkoll jitkellem ma' xi ħadd li għandu l-istess fehma tiegħu. Dan jidher djalogu, imma fil-fatt hu biss okkażjoni biex il-protagonista jiftaħ qalbu u jferra' ħsibijietu. Hekk jagħmel Natan ma' Rebekka (*Il-Gidba*), Samwel ma' Xandru l-poeta (*Samuraj*) u Karlu Manju ma' Dun Benjamin, ma' Silvja u ma' ommu (*Fil-Parlament Ma Jikbrux Fjuri*). F'dan l-aħħar rumanz, aktar minn sensiela ta' ġrajjiet, insibu sensiela ta' laqgħat li l-protagonista jkollu ma' diversi karattri li fihom Karlu Manju jferra' moħħu; hu rumanz fejn il-kelma (li m'hi xejn ħlief esterjorizzazzjoni ta' attività mentali) tirrenja fuq l-azzjoni mill-bidu sa l-aħħar.

F'dawn id-diskursati intimi toħroġ il-kriżi psikoloġika li, ħafna drabi, tieħu l-forma ta' konfront bejn il-"jien" emanċipat u l-"jien" ikkundizzjonat (jew aħjar ikkundizzjonat ħażin). Dan il-konfront ġewwieni jirrisolvi f'tiftixa intensiva tal-"jien" – il-protagonista li jfittex lilu nnifsu. Il-mistoqsijiet rikorrenti huma: Min jien jien? X'inhu dak li jagħmilni dak li jien? Kemm minn dak li jien jien hu dovut għalija u kemm għall-influwenza ta' ħaddieħor fuqi? Kemm jien responsabbli ta' għemili? Silvio ta' *Dal-Lejl Ġie Alla* jitħasseb: "Id-dinja ta' madwari ili kieku li bdejt insaqsiha jekk hix frott ta' dak li għext jien, hix frott ta' dak li ġarrabt jien matul ħajti bil-karattru li għandi, ta' dak kollu li rnexxieli niġma' mill-Knisja u mit-twemmin tar-reliġjon tagħna li tgħallimt għand il-Patrijiet u l-Mużew, hix frott tal-beżgħat ta' tfuliti li kibru u tkattru miegħi, jew hix frott ta' dak kollu li stajt nikkoppja..." [19] u jistaqsi: "qatt ħsibt jekk dan ħsiebi, din ħajti, din id-dinja tiegħi hix xi ħaġa ġà mfassla u ġà msensla fija? Huwiex wirt li ngħix fejn ngħix u ma' min ngħix xorta waħda jkolli nġarrab l-istess ħsibijiet għax dan hu wirt?" [20] Għandna l-protagonista-bniedem li jfittex l-għeruq ta' l-identità. Din it-tiftixa mhux dejjem se twassal għal risposti inekwivoċi, imma għallinqas dejjem se tqarreb lejn ir-realizzazzjoni tal-"jien" emanċipat, il-"jien" ħieles, l-individwu li jasal biex jikkontrolla u anki jiddetermina dak li jiġri f'ħajtu. Hawn il-kriżi tevolvi fi ġlieda bejn id-determiniżmu, dak li jqis li fil-ħajja kull imġiba u saħansitra l-istess rieda ta' l-individwu hi determinata minn kawżi esterni, u l-volontariżmu, dak li jsostni li l-individwu għandu r-rieda u l-ħila li jegħleb il-

kundizzjonament u jkun responsabbli ta' għemilu. Minn naħa toħroġ il-qawwa tal-kondizzjonament li tasal biex ixxejjen l-identità ta' l-individwu: f'*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar* Raymond jirrabja għax iħoss li "Qisu kull ma jiġrilu kien imfassal minn qabel b'ħila mxajtna minn xi ħadd setgħani li kellu tbissima ċinika fuq wiċċu. Ħass li hu ma kienx ħieles iżda kien bħal boċċa f'id tifel imqareb," [21] u aktar 'il quddiem l-awtur ipinġi lill-protagonista li tilef l-identità:

> "Hu, Raymond, ma kienx Raymond. Kien qiegħed hemm mhux għax ried hu, iżda għax kull ħaġa li ġrat fit-tmintax-il sena li għaddew minn meta twieled, kienet ġegħlitu jsir dak li sar, jagħmel kulma għamel, sakemm fl-aħħar wasal għal dal-mument ta' mixi bla ebda għan. U dal-mixi stess, kien se jwasslu aktar 'il quddiem għal għemejjel oħra, b'loġika li bil-kemm seta' jqis minn qabel, loġika li kienet hemm bla ma seta' jaħrab minnha jew jikkontrollaha. Hu ma kienx xi ħadd li kellu l-ħila jew id-dritt imexxi ħajtu, ħajtu kienet biss riżultat ta' għadd matematiku, li biż-żmien kien aktar jiżdied u jiżdied."[22]

F'*Dal-Lejl Ġie Alla* t-tliet protagonisti, kopja ta' xulxin, kollha jsofru mill-ħakma barranija li tiddetermina ħajjithom. L-imġiba tat-tieni hi kkundizzjonata mill-imġiba ta' l-ewwel wieħed, u tat-tielet minn tat-tnejn ta' qablu. Silvio jinsab f'dilemma jekk għandux jaħrab mill-qafas li jikkundizzjonah u jikkuntenta lil ommu li riditu jorqod magħha u jħobbha u jistaqsi: "X'jedd kelli nemmen imqar għal waqt wieħed biss li jien, bniedem bla xogħol, rota msadda, rota bla flus, li jien iben alla Żews? X'jedd kelli li naħseb imqar għal waqt wieħed biss li nista' jekk irrid inwarrab it-tagħlim li ħadt fi ċkuniti, inwarrab il-liġi naturali u ngħid u naħseb li jeħtieġ nikkuntenta lil ommi?"[23] Silvio li jċedi għax-xewqa t'ommu hu Silvio li jeħles mill-kundizzjonament ta' Alla li jemmen fih, imma hu wkoll Silvio li jaqa' għall-kundizzjonament ta' alla Żews, l-alla t'ommu. Hu Silvio tellief: "Rajt li jien inqis lili nnifsi bla sura, bla sinsla, imwerwer il-ħin kollu, diffiċli, imkeċċi, midneb. U jien bla saħħa li niġġieled. Naċċetta bla saħħa li niġġieled."[24] Karlu Manju għandu wkoll l-istess problema u jistqarr ma' ħabibu:

> "Imma l-arja mħassra, tagħlaq ħalqek kemm tagħalqu. Dun Benjamin, ma tistax tgħix mingħajrha. Jew tixrobha jew tmut. U lkoll ikollna ngħixu sakemm nistgħu, u ladarba din hi l-arja, irridu u ma rridux ikollna ngħaddu biha. Kemm-il darba għalaqt għajnejja u saddejt widnejja u sibt ruħi qiegħed nara u nisma' xorta waħda. Iċ-ċokon, il-kurżità, ix-xnigħat u fuq kollox ir-rabta li hemm bejn ħaġa u oħra.... minħabba dan kollu, dan l-eżilju f'pajjiżek stess hu ħlieqa oħra, ma jirnexxilekx tgħixu."[25]

Imma minn naħa oħra titla' fil-wiċċ il-ħerqa ta' l-individwu li jistabbilixxi ruħu, it-tiftixa tal-"jien" sod u determinat li jrid ir-riedni f'idejh, "jien" xi drabi anti-soċjali u ego-ċentriku. Fl-istess silta kkwotata fuq, Karlu Manju jkompli: "Imma fil-qiegħ ta' qalbi nħossni sħiħ u ħieles xorta waħda, għaliex dak li jasal minn barra hu barrani, u jaħbat kemm jaħbat miegħi bis-saħħa, ma nħossux biċċa minni. Iweġġagħni, jidħol ġewwa, iva, iżda jsir biċċa minni? – le!"[26] Il-qawwa tar-rieda xxejjen il-qawwa tal-kundizzjonament u, bħalma jistqarr l-istess Karlu Manju aktar 'il quddiem, ir-rieda hi kwalità indispensabbli fir-realizzazzjoni tal-"jien": "Ma nafx xi rrid, ma nafx, imma naf li rrid u rrid."[27] Jumi Ħarr, il-protagonista ta' *L-Għar tax-Xitan*, isostni li "Din kienet ħajtu u ħadd ma kellu l-jedd jgħidlu u jamarlu kif jgħixha"[28]; l-istess isostni Pawlu, ir-rivoluzzjonarju ta' *Rivoluzzjoni Do Minore*: "Jien ma jien se nkun il-pupu ta' ħadd." [29] Insibu l-istess idea fi Frans Sammut. Samwel is-Samuraj ikellem lill-brimb ta' mas-saqaf:

> "Hawnhekk tiegħi u s-setgħa tagħkom m'hi xejn, ja intom
> ta' hemm fuq, tħarsu 'l isfel u tiddieħku biż-żgħar ta' hawn
> taħt u tidħku f'qalbkom bil-makekkerija tagħkom.
> JIEN HAWN u la JIEN HAWN intom m'intom xejn.
> Saltnatkom irqiqa u dgħajfa daqs l-għanqbut li tinsġu.
> U ħassu jimtela bih innifsu għax mil-lum 'il quddiem kien
> se jkun is-sid tal-ħolqien."[30]

waqt li Fredu Gambin jistqarr: "Mill-ġdid ħassejtni qed negħleb lid-destin. Namar lix-xorti liema triq taqbad."[31]

Minkejja dawn id-dikjarazzjonijiet, l-individwu diffiċli biex jeħles mill-morsa. L-istess Fredu Gambin, li tul ir-rumanz jaħdem biex jeħles mill-gaġġa li qed toħonqu, jirnexxilu biss jiddetermina l-gaġġa u mhux ikissirha. Hu ċirku vizzjuż: l-individwu hu l-ewwel ikkundizzjonat minn dak ta' madwaru, imbagħad minn għemilu stess, anki meta dan l-għemil ikun sforz biet jitkisser l-ewwel kundizzjonament. L-imġiba ribella stess ta' Fredu Gambin tagħfas fuqu sakemm hu jisfa' lsir ta' għemilu. Aktar milli Fredu jaħrab mill-ambjent, l-ambjent innifsu qiegħed jirriġettah.[32] L-istess jiġrilu Robbie f' *Taħt il-Weraq tal-Palm* li jisfa' vittma ta' l-imġiba emanċipata tiegħu stess.

Għalkemm l-individwu qatt ma jista' jeħles għal kollox mill-kundizzjonament (għax ħadd ma jitwieled u jgħix f'vakwu), jista' imma jiġġieled kontra l-kurrent u jfittex l-awto-determiniżmu u din il-ġlieda ta' l-individwu hi l-element l-aktar ta' siwi fir-riżultat aħħari.

Magħġuna ma' din it-tiftixa tal-"jien" emanċipat hemm ukoll it-tiftixa għal reliġjon emanċipata, personali, u mhux ir-reliġjon tal-kotra, it-tiftixa ta' Alla li hu aktar ta' l-individwu milli ta' soċjetà. Il-kriżi psikoloġika tevolvi f'dilemma spiritwali mqanqla minn nuqqas ta' qbil bejn il-liġi u n-natura-Alla. Għall-kotra l-liġi hi dejjem

fuqanija u min jobdiha hu dejjem fis-sewwa anki meta jinterpreta ħażin it-tagħlim tal-Vanġelu[33]. Baruk il-filosfu jikkonkludi li "Anki n-natura t'Alla hi taħt il-liġi tal-bnedmin. In-natura u l-liġi kienu qishom żewġt iklieb tal-ġlied, dejjem tirbaħ it-tieni waħda."[34] Baruk, żagħżugħ sensittiv bi predispożizzjoni qawwija għall-imħabba, jiġi ffaċċjat bil-problema ta' l-eżistenza u jfittex tweġiba fl-imħabba u fil-ħajja spiritwali. Imma ġos-seminarju jiskopri li dawn huma waħda kontra l-oħra; jagħżel it-triq tan-natura u jikser il-liġi u flok tinġiż tal-kuxjenza jħoss sodisfazzjon: "Ħass il-gost ta' min jikser il-liġi u jobdi n-natura."[35] Din l-isfida tal-liġi fil-libsa ta' mġiba sesswali illeċita hi element rikorrenti fir-rumanz modern. Imġiba simili nsibuha fi Fredu Gambin (*Il-Gaġġa*), f'Robbie (*Taħt il-Weraq tal-Palm*), f'Peter, iz-ziju ta' Raymond (*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*), f'Jumi Ħarr u Petriġa (*L-Għar tax-Xitan*), fil-konti Gasparin Sant u Tereża (*Is-Sejħa ta' l-Art*), f'Karlu Manju u Silvja (*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*), f'Marju u Altea u f'din ta' l-aħħar u binha Silvio (*Dal-Lejl Ġie Alla*). L-individwu jitbiegħed mil-liġi tal-kotra u jersaq lejn liġi personali, lejn reliġjon intima li fiha l-individwu jitkellem ma' Alla tiegħu. Hi mġiba li tbiegħed lill-wieħed mill-kotra u li biha ċ-ċittadin jevolvi f'individwu u jsib l-identità.

Din it-tiftixa għall-identità persunali titwessa' wkoll f'tiftixa għall-identità nazzjonali u l-mistoqsijiet hawn huma: Min fejn ġejjin? Min aħna bħala nazzjon? Ir-rumanzier modern jgħarrex lura fil-passat imbiegħed, ifittex l-għeruq li jagħtuna l-identità. Karlu Manju jixtieq imur lura fiż-żmien u jgħix ma' l-antenati – mill-ewwel Maltin ta' Żmien il-Ħaġar sa missirijietna ta' żmien l-Ingliżi; jaħdem, ibati u jitqabad magħhom, ħerqan li jsir jafhom mill-qrib għax hu biċċa waħda minnhom.[36] L-istess jagħmel Fredu Gambin qabel ma jitlaq lill-misħuta gżira; isellem lill-"Wilġa" għażiża li tfakkru fil-ġrajjiet ta' missirijietu, fil-ħakkiema u fl-eroj nazzjonali.[37] Fit-tiftixa ta' l-imgħoddi r-rumanzier jgħix mill-qrib man-nies ta' ġensu u magħhom jipparteċipa spiritwalment fil-ġlieda twila lejn l-emanċipazzjoni tan-nazzjon. Fl-1964 Malta ħadet l-indipendenza, iżda, minkejja dan l-avveniment, il-"jien" nazzjonali għadu ma emanċipax ruħu għal kollox. Il-poplu Malti għadu mhux kapaċi jiddeċiedi għalih innifsu u għadu jħalli (bħal ma dejjem ħalla) min imexxih u jiddeċiedi għalih. Karlu Manju jesponi din is-sitwazzjoni kważi tal-biki meta jistqarr: "Telqu l-Kavalieri biex ġew il-Gvernaturi, u telqu l-Gvernaturi biex ġew l-Onorevoli."[38]

L-emanċipazzjoni nazzjonali sseħħ meta l-kotra ftit ftit toqrob lejn il-wieħed emanċipat u din l-evoluzzjoni trid tiġi min-naħa tal-kotra; il-wieħed mhux se jsir bħall-kotra u se jibqa' emanċipat imqar meta l-kotra tisħaq fuqu u ġġiegħlu jkun konformi magħha.

Għall-kotra l-wieħed hu anti-eroj tellief li jew jasal (i) għas-suwiċidju; (Samwel (*Samuraj*), Kieli (*Dal-Lejl ġie Alla*), Robbie (*Taħt il-Weraq tal-Palm*) kollha jwettqu suwiċidju; Baruk (*L-Istramb*) ipprova bla ma rnexxielu, waqt li Fredu Gambin

(*Il-Gaġġa*), Karlu Manju (*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*) u Raymond (*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*) ilkoll innamraw miegħu[39]) jew (ii) għall-eżilju f'art oħra (Fredu Gambin (*Il-Gaġġa*) u Raymond (*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*) jemigraw, Natan (*Il-Gidba*) juri x-xewqa li jagħmel l-istess imma ma jemigrax għax Rebekka ma tkunx trid, Jumi Ħarr (*L-Għar tax-Xitan*) jitlaq mir-raħal biex jgħix fil-belt u Robbie (*Taħt il-Weraq tal-Palm*) iħares lejn is-safar bħala l-ewwel soluzzjoni), jew (iii) għall-ġenn bħal ma ġralu Xandru l-poeta (*Samuraj*), jew għall-għeluq fis-solitudni bħal Natan ta' *Il-Gidba*. Il-kotra titħassar it-tmiem infeliċi ta' dawn l-imsieken li fallew f'ħajjithom. Imma dak li għall-kotra hu falliment, għall-anti-eroj hu kisba ta' kuxjenza, rebħa tal-wieħed li ma jissottomettix ruħu għall-medjokrità tal-ħafna u li huwa lest li anki jaffaċċja l-mewt biex jibqa' individwu.

## Konklużjoni

Jeżisti xebh bejn ir-rumanzi moderni; fihom kwalitajiet li jagħżluhom għalihom; huma tip ta' letteratura li hi partikulari u differenti minn forom oħra li ġew qabel. Hi letteratura ta' ribelljoni u ta' interjorizzazzjoni u fiha nsibu elementi li jirrikorru spiss bħal ngħidu aħna s-suwiċidju, is-safar, ix-xorb, is-sess barra miż-żwieġ, l-infedeltà fl-imħabba, iċ-ċaħda ta' l-imħabba, l-omosesswalità, it-telf ta' vokazzjoni, l-infertilità, is-superstizzjoni, is-seksik, l-indħil mill-kappillani, l-ipokrisija, l-inġustizzja, il-ħbiberija intima ma' l-annimali u s-solitudni. Fi stħarriġ soċjoloġiku tista' titfittex waħda minn żewġ triqat, jew it-tnejn f'daqqa: (a) dawn huma xejriet ġodda ta' soċjetà qadima; (b) dawn huma xejriet qodma li soċjetà ġdida tellgħethom fil-wiċċ.

1. Lino Spiteri, *Rivoluzzjoni Do Minore*, 1980, p.150.
2. Frans Sammut, *Samuraj*, 1975, p.153.
3. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.153.
4. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, 1973, p.55.
5. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.46.
6. *Oliver Friggieri*, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.151.
7. Frans Sammut, *Samuraj*, 1975, p.12.
8. Oliver Friggieri, *L-Istramb*, 1980, p.19
9. Paul P. Borg, *Dal-Lejl Ġie Alla*, 1981, p.17.
10. Ibid., p.67.
11. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.121.
12. Alfred Sant, *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, 1968, p.86.
13. Lino Spiteri, *Rivoluzzjoni Do Minore*, 1980, p.150.
14. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.51.
15. Ibid., p.120.
16. Frans Sammut, *Samuraj*, 1975, p.20.
17. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri, 1986*, pp.57-58 u Kap. 15, pp. 176-194.
18. Frans Sammut, *Samuraj*, 1975, pp.151-154.
19. Paul P. Borg, *Dal-Lejl Ġie Alla*, 1981, p.146.
20. Ibid., p.147.
21. Alfred Sant, *L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, 1968, p.50.
22. Ibid., p.181.
23. Paul P. Borg, *Dal-Lejl Ġie Alla*, 1981, p.234.
24. Ibid.; l-inkapaċità ta' reazzjoni u s-sottomissjoni tar-rieda ta' Silvio huma enfasizzati bir-ripetizzjoni tas-sentenza "Naċċetta bla saħħa li niġġieled" li nsibuha seba' darbiet fl-istess paragrafu.
25. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.51.
26. Ibid.; p.51.
27. Ibid.; p.151.
28. J. J. Camilleri, *L-Għar tax-Xitan*, 1973, p.95.
29. Lino Spiteri, *Rivoluzzjoni Do Minore*, 1980, p.72.
30. Frans Sammut, *Samuraj*, 1975, p.91.

31. Frans Sammut, *Il-Gaġġa*, 1973, pp.98-99.
32. Ara wkoll P. Serracino Inglott, "Ir-rumanz psikoloġiku u "Il-Gaġġa", *Il-Polz*, Sett. – Diċ. pp.15-18, l-aktar p.16.
33. Ara d-diskussjoni bejn Karlu Manju u Dun Benjamin f'*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, Kap. 5, pp.41-59.
34. Oliver Friggieri, *L-Istramb*, 1980, p.59.
35. Oliver Friggieri, *L-Istramb*, 1980, p.74.
36. Ara *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, p.104.
37. Ara *Il-Gaġġa*, p.149.
38. Oliver Friggieri, *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, 1986, p.57.
39. Fredu Gambin joqrob lejn il-preċipizzju tas-suwiċidju: "It-tifrik ta' karozza dieħla fil-ħajt b'kemm timxi smajtu jċaqċaq f'widnejja" (paġna 76). Dan seħħ meta kien hemm il-biża' li Veffa ħarġet tqila.
Karlu Manju jinnamra mas-suwiċidju meta juri l-ammirazzjoni tiegħu lejn Katu, is-suldat Ruman, li b'kuraġġ ikkommetta suwiċidju biex ma jċedix għar-rieda tal-ħakkiema tiranni, u jistqarr li hu ma jwettaqx suwiċidju mhux għax ma jixtiqux imma għax m'għandux kuraġġ. Ara pp. 155-156. (L-awtur jesprimi l-istess idea fil-poeżija "Qabel tagħfas il-ħabel", *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, p.39).
Meta mistoqsi liema hu l-kantant preferit tiegħu, Raymond iwieġeb Luigi Tenco, u r-raġuni li jagħti hi: "Għax kellu l-ħila jneħħi ħajtu għal xi ħaġa li ma kenitx importanti biżżejjed" (p.261).

BIBLJOGRAFIJA

O. FRIGGIERI,
*Ir-Ruħ fil-Kelma*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1973;
*Saġġi Kritiċi*, A. C. Aquilina & Co., Malta 1979;
*Kittieba ta' Żmienna*, Lux Press, Malta 1970;
*Il-Gidba*, Pubblikazzjoni P.E.G., Malta 1979;
*L-Istramb*, Pubblikazzjoni Gulf, Malta 1980;
*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*, Publikazzjoni Bugelli, Malta 1986.

M. VASSALLO ed.
*Contributions to Mediterranean Studies*, Malta University, 1977, pp.264-275.

D. MASSA ed.
*Contemporary Maltese Literature – an interim report – Individual and Community: The Hero in Contemporary Maltese Fiction*, pp.123-135.

P. SERRACINO INGLOTT
"Ir-Rumanz Psikoloġiku u "Il-Gaġġa"", *Il-Polz*, Sett.–Diċ 1971, pp.15-18.

F. SAMMUT
*Il-Gaġġa*, A. C. Aquilina & Co., Malta 1973;
*Samuraj*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1975.

P. P. BORG
*Dal-Lejl Ġie Alla*, Publikazzjoni Bugelli, Malta 1981.

T. ZAHRA
*Taħt il-Weraq tal-Palm*, Lux Press, Malta 1974;
*Ħdejn in-Nixxiegħa*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1975.

L. SPITERI
*Rivoluzzjoni Do Minore*, Pubblikazzjoni Gulf, Malta 1980.

A. SANT
*L-Ewwel Weraq tal-Bajtar*, Union Press, Malta 1968.

J. J. CAMILLERI
*Il-Għar tax-Xitan*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1973;
*Is-Sejħa ta' l-Art*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1974.